



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-158/11

Auto 24 SARL

vs

Jaguar Land Rover France SAS

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour de cassation)

“Kompetizzjoni — Artikolu 101 TFUE — Settur tal-karozzi — Regolament (KE) Nru 1400/2002 — Eżenzjoni skont il-kategorija — Sistema ta’ distribuzzjoni selettiva — Kunċett ta’ ‘kriterj[i] speċifikat[i]’ fir-rigward ta’ sistema ta’ distribuzzjoni selettiva kwantitattiva — Rifjut ta’ awtorizzazzjoni bħala distributtur ta’ vetturi ġodda — Assenza ta’ kriterji ta’ għażla kwantitattivi preċiżi, oġġettivi, proporzjonati u nondiskriminatorji”

Sommarju tas-sentenza

Kompetizzjoni — Akkordji — Projbizzjoni — Eżenzjoni skont il-kategorija — Ftehim fis-settur tal-karozzi — Regolament Nru 1400/2002 — Sistema ta’ distribuzzjoni selettiva kwantitattiva — Selezzjoni tad-distributori jew tas-sewwejja skont “kriterj[i] speċifikat[i]” — Kunċett

(Artikolu 101 TFUE; Regolament tal-Kummissjoni Nru 2790/2002, Artikolu 1(1)(f))

Bil-kliem “kriterj[i] speċifikat[i]” li jinsabu fl Artikolu 1(1)(f) tar-Regolament Nru 1400/2002 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta’ ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vettur bil-mutur, hemm lok li jinftiehem, fir-rigward ta’ sistema ta’ distribuzzjoni selettiva kwantitattiva fis-sens ta’ dan ir-regolament, kriterji li l-kontenut preċiż tagħhom jista’ jiġi vverifikat. Sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni prevista mill-imsemmi regolament, ma huwiex neċessarju li tali sistema tkun ibbażata fuq kriterji li huma ġġustifikati oġġettivament u applikati b’mod uniformi u mhux differenzjat fir-rigward ta’ kull kandidat għall-awtorizzazzjoni.

Mill-istruttura tar-Regolament Nru 1400/2002 ma jirriżultax li l-leġiżlatur ried jipprevedi l-istess kundizzjonijiet għall-eżenzjoni għas-sistemi ta’ distribuzzjoni selettiva kwantitattiva u kwalitattiva. Għall-kuntrarju, peress li r-Regolament jikkontempla kundizzjonijiet għall-eżenzjoni distinti skont jekk id-distribuzzjoni selettiva inkwistjoni tiġix ikklassifikata bħala “kwantitattiva” jew “kwalitattiva”, l-elementi li jinsabu biss fl-Artikolu 1(1)(h) tar-Regolament ma jistgħux jiġu applikati wkoll għall-Artikolu 1(1)(g) ta’ dan ir-regolament, mingħajr ma jiġu amalgamati dawn iż-żewġ tipi ta’ distribuzzjoni selettiva.

(ara l-punti 36, 39 u d-dispożittiv)